MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 27/2008

**Laura Peregin**

**vs**

**Prim Ministru**
**Ministru tas-Sahha**
**Direttur Generali tas-Sahha u**
**b'digriet tas-6 ta'Gunju 2008 gie sostitwit b'**
**Tabib Principali tal-Gvern**
**Supretendent ta' l-Isptar Mater Dei**
**u**
**l-Avukat Generali**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta' Laura Peregin li permezz tieghu ppremettiet:**

1. Illi r-rikorrenti kienet tahdem ghal snin twal fl-Isptar San Luqa meta hija kienet ossessjonata li tirraporta kull abbuz fl-Isptar San Luqa dwar hela ta' oggetti, serq u dan kienet taghmlu billi kienet tirraporta lill-istess superjuri taghha u per konsegwenza ta' din l-imgieba hija giet impoggija f'qaghda u f'kundizzjoni impossibbli biex topera x-xoghol taghha ;

2. Illi per konsegwenza ta' dan, l-intimati flok hadu passi dwar ir-rapporti li kienet taghmel ir-rikorrenti, spiccat li hija giet kostretta u f'sitwazzjoni forzata fejn giet mghoddija bord mediku bil-konsegwenza li dan il-bord mediku ddecieda li hija ma kenitx aktar kapaci ghax-xoghol fis-servizz pubbliku ;

3. Illi r-rikorrenti ghamlet kull sforz possibbli matul dawn l-ahhar snin u in partikolari bejn l-2004 u llum li terga' tiddahhal ix-xoghol u tinghata l-kumpens finanzjarju minhabba decizjoni ngusta tal-bord mediku, imma xorta baqghet minghajr smiegh xieraq u minghajr rimedju finanzjarju ;

4. Illi fil-protest taghha r-rikorrenti tal-11 t'April 2008 talbet lill-intimati biex jirrimedjaw mill-aktar fis il-pregudizzju li baqghet issofri r-rikorrenti ghal liema protest l-intimati fil-kontro-protest tal-21 ta' April 2008 qalu li t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati u minghajr bazi u ghalhekk il-pretensjoni ghall-kumpens finanzjarju hija wkoll minghajr bazi u nfondata ;

5. Illi ghalhekk hija giet imcahhda minn smiegh xieraq u aktar rimedju finanzjarju adegwat u li dan imur kontra l-istess kostituzzjoni ta' Malta u l-konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ;

6. Illi fit-tlett ezamijiet indipendenti minn tlett specjalisti li huma Dr. Peter Muscat, Dr. J. Vella Baldacchino u Dr. Joseph Spiteri, kollha consultant psychiatrists jikkonkludu,

« she is fit to remain in employment in the public service ».

1. Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li t-terminazzjoni ta' l-imsemmija rikorrenti fis-servizz pubbliku gie terminat minghajr ma r-rikorrenti nghatat id-dritt ghal smiegh xieraq u mparzjali liema agir imur kontra l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Tordna li l-imsemmija rikorrenti terga' tidhol per konsegwenza fl-impjieg taghha fis-servizz pubbliku;

3. Tillikwida d-danni lilha sofferti minhabba dan l-agir mit-terminazzjoni taghha ;

4. Tordna li r-rikorrenti jew min minnhom hu responsabbli biex ihallsu lir-rikorrenti dak l-ammont hekk likwidat ;

5. Bl-ispejjez u bl-imghaxx legali mid-data tal-protest ufficjali tal-11 ta' April 2008.

**Rat ir-risposta tal-intimati a fol.16 fejn permezz taghha jippremettu:**

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti mas-servizz pubbliku saret minghajr ma r-rikorrenti nghatat id-dritt ghal smiegh xieraq u mparzjali liema agir allegatament jivvjola l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess in-nomenklatura Direttur Generali tas-Sahha mhiex korretta stante illi ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha r-rapprezentant guridiku ta' dan id-Dipartiment huwa t-Tabib Principali tal-Gvern.

Preliminarjament, illi l-Prim Ministru, il-Ministru tas-Sahha, is-Supretendent ta' l-Isptar Mater Dei u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni a tenur ta' l-

Artikolu 181B tal-Kap. 12 kif ukoll peress illi l-lanjanza tar-rikorrent tirrigwarda decizjoni amministrattiva li fiha hadd minn dawn ma kien partecipi.

Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji stante illi r-rikorrenta kellha tezawrixxi r-rimedji ordinarji sabiex tindirizza l-lanjanza taghha stante illi l-via kostituzzjonali hija via straordinarja.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzji ghal premess l-azzjoni tar-rikorrenti hija ntempestiva stante illi n-natura ta' l-allegazzjoni tar-rikorrent tistieden azzjoni civili ordinarja cioe' dik prevista taht l-Artikolu 469ª tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn tigi adita dina l-Onorabbli Qorti f'Sede Kostituzzjonali.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 469A (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili " servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b'dispozizzjonijiet specjali specifikament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern ".

L-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998, fl-ismijiet **"Carmelo sive Charles Magri vs Kummissarju tal-Pulizija"** illi *" L-impjieg fis-servizz pubbliku u l-kondizzjonijiet kollha li jemana minn tali kuntratt, hu ssalvagwardjat u ggarantit mill-Kostituzzjoni li tipprovdi ghat-twaqqif ta' Kummissjoni biex tirregola l-ingagg, it-tkeccija, id-dixxiplina kif ukoll cirkostanzi ohra konnessi ma' l-istess servizz "* kif ukoll illi *" F' dan ir-rigward il-Kostituzzjoni nfisha gustament u sewwa kkreat il-makkinarju biex jigu rregolati r-relazzjonijiet bejn l-Esekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X taghha, b'mod partikolari fit-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ";*

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-"*boarding out*" ta' impjegata fis-servizz pubbliku minhabba l-fatt illi hija ma tkunx fizikament jew

mentalment kapaci illi twettaq dmirijietha sew ma jinvolvi l-ebda determinazzjoni ta' dritt jew obbligu civili u ghalhekk l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja huma fi kwalunkwe kaz inapplikabbli ghal kaz odjern.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess l-allegatazzjonijiet vantati mir-rikorrenti huma ghal kollox infondati stante illi l-process adottat mill-intimat Tabib Principali tal-Gvern kien wiehed gust fic-cirkostanzi u bl-ebda mod ma gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif qed tippretendi hi u ghalhekk il-pretensjoni ta' kumpens hija nfondata wkoll. Ir-rikorrenti giet "boarded out" mis-servizz wara li nhatar bord mediku li semaghha, ezaminaha u ddecieda illi hija ma kenitx f'pozizzjoni li tkompli fl-impjieg taghha fis-servizz pubbliku.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess kuntrarju ghal dak pretiz mir-rikorrenti dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tordna lir-rikorrenta illi terga' tidhol ghax-xoghol u dana stante illi tali decizjoni ma hix il-mansjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti izda hija wahda li, skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni tispetta lill-Kummissarju dwar is-Servizz Pubbliku.

Ghaldaqstant l-esponenti jopponu t-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti ;
Saret il-korrezzjoni mitluba a fol 20 ;
Semghet l-Avukati difensuri jittrattaw l-eccezzjoni preliminari.

**Eccezzjoni preliminari**

Ir-rikors thalla ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimati li r-rikorrenti kellha tezawrixxi r-rimedji ordinarji sabiex tindirizza l-lanjanza taghha stante illi l-via kostituzzjonali hija via straordinarja. In-natura ta' l-allegazzjoni tar-rikorrenti tistieden azzjoni civili ordinarja cioe' dik prevista taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn tigi adita dina l-Onorabbli Qorti f’Sede Kostituzzjonali.

**Kontestazzjoni**

L-intimati jsostnu li l-process li bih ir-rikorrenti giet *boarded out* hu minnu nnifsu process amministrattiv u r-rizultat mhux hlief decizjoni amministrattiva ghalhekk ir-rikorrenti kellha rimedju taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 biex tattakka dika d-decizjoni.

Ir-rikorrenti wiegbet li hi ma kelliex rimedju taht il 469A tal-Kap. 12 billi hi ma talbet ghal ebda decizjoni imma kien id-Dipartiment li ha l-inizzjattiva biex jghaddiha bord u tkecciet mis-servizz pubbliku u meta talbet biex tigi *reinstated* jew tinghata kumpens, sabet il-bibien maghluqin u kellha tidba dina l-procedura.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi r-rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li t-terminazzjoni ta’ impieg taghha mis-servizz pubbliku meta giet boarded out saret minghajr ma hi nghatat id-dritt ghal smiegh xieraq u mparzjali liema agir imur kontra l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, (1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-Qrati tal-Gustizzja ta’ Kompetenza Civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:

(*a*) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

Ir-rikorrenti ssostni li hi ma setghetx tattakka l-« eghmil amministrativ » billi "eghmil amministrattiv" ifisser il-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni

jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità". Fil-kaz in ezami r-rikorrenti tirritjeni li dan il-provvediment ma japplikax fil-konfront taghha.

Tikkunsidra

Rikors Kostituzzjonali huwa, min-natura tieghu specjali u straordinarju, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikun provdut u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal lanjanzi tieghu. (Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja PA. TM.18 ta' Mejju, 2006).

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna f'tentattiv biex tirrikoncilja l-inciz (1)(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li hi favur interpretazzjoni bazata fuq l-effettivita' tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax jinghata taht l-Artikolu 469A.

"It-tifsira hi li l-Qorti fil-kompetenza civili ghandha gurisdizzjoni hlief fejn il-ligi tnehhilha dik il-gurisdizzjoni u r-regola tibqa' li fejn jista' jinghata rimedju tajjeb u bizzejjed mill-Qorti fil-kompetenza civili mela ma hemmx ghalfejn isiru proceduri straordinarji bhal dawk tal-lum". (Ara sentenza App. Em.Ciantar vs Kum tal-Pulizija 2/11/01).

Fil-kaz in ezami anke kieku din il-Qorti kellha tghid li r-rikorrenti kellha rimedju taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 biex tattakka d-decizjoni tal-Medical Council bhala decizjoni amministrattiva hazina, jibqa' l-fatt li r-rikors odjern mhux unikament bazat fuq allegata vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni - l-inciz (1)(a) - imma anke fuq id-drittijiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-Kap. 319, Ir-rikorrenti mhux

qed tallega biss ksur tal-Kostituzzjoni imma anke tal-Konvenzjoni.

Il-principju dejjem hu li l-kompetenza kostituzzjonali/konvenzjonali u l-kompetenza civili ghandhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b’finalita’ ta’ rimedju mhux dejjem identiku. Ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certu aspetti hu wiehed limitat waqt li r-rimedju Kostituzzjonali/Konvenzjonali m’ghandhu ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li l-Qorti tista’ takkorda.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimati
Spejjez ghall-intimati
U tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni quddiem din il-Qorti diversament preseduta ghas-7 ta’ April 2009 fl-10.00 a.m.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------